MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 104/2014

**Carmelo sive Charles Gauci u John Zarb**

**vs**

**Claire Baron Bello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Claire Baron Bello li ghar-ragunijiet hemm imfissra talbet il-Qorti:

1. Tirrevoka, thassar u tikkancella ‘*in toto od in parte*’ il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1137/13 a tenur tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-esekutanta sabiex thallas lis-socjetà esponenti dik is-somma ta’ mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn sitt elef disa’ mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6988.12) bhala penali u dan a tenur tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fin-nuqqas li tilqa’ l-ewwel talba u/jew it-tieni talba tikkundanna lis-socjetà intimata-esekutanta, a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddepozitaw fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta’ penali li tista’ tigi mposta u ta’ danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1137/13.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ Carmelo sive Charles Gauci u John Gauci li in forza taghha ghar-ragunijiet minnhom moghtija, sostnew li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi fi proceduri ta’ din ix-xorta l-ezami li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, ghal dak li jidher mad-daqqa t’ghajn, b’dana illi skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa’ essenzjalment rizervat ghall-proceduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawza.

Dan premess, jirrizulta illi bejn il-partijiet hemm pendenti proceduri gudizzjarji dwar kuntratt ta’ appalt moghti minn Claire Baron Bello lil Charles Gauci u John Zarb, liema xoghol ma tkompliex ghal ragunijiet li jridu jigu mistharrga fil-kawza fil-mertu.

Is-sekwestrata qed tibbaza t-talba odjerna taghha fuq l-Art. 836(1)(b) u (d) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdi ghat-thassir ta’ mandat kawtelatorju meta:

> *“(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Mid-dokumenti jirrizulta illi l-vertenza hija essenzjalment wahda ta' kostatazzjoni tal-ammonti li jistghu ghadhom dovuti lill-kuntrattur. Fid-dawl tad-divergenzi ezistenti bejn il-periti tal-partijiet, ma jirrizultax lill-Qorti li jississistu c-cirkostanzi ravvizati fil-fuq citati artikoli tal-ligi. Is-sekwestranti ghandhom kull dritt li jikkawtelaw kull pretensjoni taghhom.

*"Il-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mill-ligi sakemm il-kwesjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu. Ma jris jintesa qatt li l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriza" l-qaghda sakemm il-kwestjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu."*

Ir-rikorrenti qeghda titlob ukoll lil din il-Qorti timponi penali ai termini tal-Art. 836(8). Issa, kif irriteniet il-Qorti fil-fuq citata Bonett vs Borg, b'citazzjoni wkoll ta' Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited (13.3.2003):

*"Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-*

*rigward u, la darba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi."*

Fil-kaz in ezami l-Qorti ma ssibx li ngabu lilha ragunijiet bizzejjed li jwassluha timponi l-penali kontemplati fil-ligi.

Finalment il-Qorti ser tqis ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex jigi mpost fuq is-sekwestrant l-obbligu tal-garanzija ai fini tal-Art. 838A. Kif irriteniet il-Qorti fil-proceduri Mediterranean Film Studios vs Galea et (30.6.2000), il-fatt wahdu li jkun inhareg mandat m'huwiex sufficjenti sabiex tigi gustifikata l-imposizzjoni ta' garanzija. Ir-ragunijiet iridu jkunu gravi u impellenti.

*"Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tesegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha."*

Fil-kaz in ezami l-Qorti ssib li r-rikorrenti gabet ragunijiet li jwasslu lill-Qorti timponi garanzija (ara dokument a fol. 82 et seq).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti billi, la darba ntweriet kawza gusta, tordna li l-intimati l-ezekutanti jressqu, sa mhux izjed tard minn ghoxrin (20) jum tax-xoghol mil-lum, garanzija bankarja xierqa fl-ammont ta' ghaxart elef

Ewro (€10,000) taht l-awtorità ta’ din il-Qorti, u dan biex taghmel tajjeb ghad-danni u l-imghax li r-rikorrenti jista’ jkollhom jedd jigbru minhabba fil-hrug tal-Mandat;

Tordna li jekk kemm-il darba l-intimati ezekutanti jonqsu li jressqu l-garanzija msemmija fiz-zmien perentorju lilhom moghti, il-Mandat ta’ sekwestru 1137/13 fl-ismijiet premessi ghandu jithassar b’effett immedjat minn dak in-nhar li jghaddi l-imsemmi terminu u minghajr il-htiega tal-ebda provvediment iehor.

Kull parti ghandha tbati l-ispejez taghha ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------